I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/…/ĠAI

(2009/C 42/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni b'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 mibgħuta lill-KEPD fis-27 ta' Mejju 2008.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI

1. Fis-27 ta' Mejju 2008 l-Kummissjoni adottat Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/…/ĠAI (minn hawn 'il quddiem: "il-proposta") [1]. B'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-proposta ntbagħtet mill-Kummissjoni lill-KEPD għal konsultazzjoni.

2. Il-proposta timmira li timplimenta l-Artikolu 11 tad-deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju ta' informazzjoni meħuda mir-rekords kriminali bejn l-Istati Membri [2], (minn hawn 'il quddiem: id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill) sabiex tinbena u tkun żviluppata sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri [3]. Kif imniżżel fl-Artikolu 1 tagħha, hi tistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u tistabbilixxi wkoll l-elementi ta' format standardizzat għal-iskambju elettroniku tal-informazzjoni, kif ukoll aspetti implimentattivi ġenerali u tekniċi oħra sabiex ikunu organizzati u ffaċilitati l-iskambji tal-informazzjoni.

3. Il-KEPD jilqa' li hu jiġi kkonsultat u jirrakkomanda li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-proposta, b'mod simili għal numru ta' testi leġislattivi oħra li l-KEPD kien ikkonsultat dwarhom, skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

### II. SFOND U KUNTEST

4. Il-KEPD ifakkar li hu ta opinjoni dwar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill fid-29 ta' Mejju 2006. Xi elementi ta' din l-opinjoni li ta' min ifakkar huma:

— enfasi fuq l-importanza ta' format standardizzat bħala mezz biex tkun prekluża l-ambigwità dwar il-kontenut tal-informazzjoni mir-rekord kriminali,

[1] COM(2008) 332 Finali.

[2] Għadha mhux adottata; l-aħħar test tal-proposta, kif riformulata mill-Kunsill, hu disponibbli fir-Reġistru Pubbliku tal-Kunsill (Dok. Nru 5968/08).

[3] Premessa 6 tal-proposta.

— appoġġ għall-għażliet magħmula fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill biex ma tiġix prevista bażi tad-data Ewropea ċċentralizzata u biex ma jkunx permess aċċess dirett għal bażijiet tad-data li jkun diffiċli biex titwettaq superviżjoni tiegħu,

— applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali dwar informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, ukoll f'relazzjoni ma' trasferimenti ta' data personali lil pajjiżi terzi,

— l-effiċjenza tal-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest ta' differenzi kbar bejn il-leġislazzjoni nazzjonali dwar ir-rekords kriminali, li teħtieġ dispożizzjonijiet addizzjonali biex titħaddem,

— id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u d-diffikultajiet li jirriżultaw minn din id-diviżjoni għal superviżjoni adatta. In-nominazzjoni ta' awtorità ċentrali fil-livell nazzjonali dehret bħala pożittiva,

— l-ambitu wiesa' tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill li japplika għall-kundanni kollha trasmessi lir-rekord kriminali.

5. Dawn l-elementi tal-opinjoni tal-2006 għadhom illustrattivi għall-kuntest li fih ser tkun analizzata l-proposta preżenti. B'mod partikolari, id-diverġenza tal-liġi nazzjonali dwar ir-rekords kriminali hi determinanti għall-kuntest. Din id-diverġenza titlob miżuri addizzjonali biex is-sistema tal-iskambju tkun tista' taħdem. Bħala tali, il-proposta għall-ECRIS hi miżura addizzjonali. Madankollu, il-kuntest qed jiżviluppa wkoll.

6. L-ewwel nett, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tagħha fil-proposta għall-ECRIS jikkostitwixxu sett wieħed ta' numru ta' strumenti legali ġodda mmirati biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-fini tal-infurzar tal-liġi. Huma kollha jissostanzjaw il-prinċipju ta' disponibbiltà, kif introdott mill-Programm tal-Aja tal-2004 ([1]). Fejn il-biċċa l-kbira ta' dawn l-istrumenti jiffokaw fuq il-kooperazzjoni tal-pulizija, dan l-istrument hu mezz ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fis-sens tal-Artikolu 31 TUE ([2]). Madankollu, hu għandu l-istess objettiv: l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni għall-fini ta' infurzar tal-liġi. F'bosta każijiet, strumenti bħal dawn jinkludu jew huma appoġġjati minn sistemi tal-IT u/jew mill-istandardizzazzjoni tal-prattiki tal-iskambju. Il-proposta għall-ECRIS f'dan ir-rigward mhijiex unika. Fil-valutazzjoni ta' din il-proposta l-KEPD jibbenefika minn esperjenzi preċedenti bi strumenti komparabbli.

7. It-tieni nett, il-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data qed jiżviluppa. L-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali ("FDDP"), imsemmija fil-Premessa 14 bħala l-qafas ġenerali li japplika fil-kuntest tal-iskambju kompjuterizzat tar-rekords kriminali, hi mistennija li tispiċċa sal-aħħar tal-2008. Din id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill ser tipprevedi għal salvagwardji minimi għall-protezzjoni tad-data, fil-każ li data personali kienet jew ser tkun trasmessa jew issir disponibbli bejn l-Istati Membri ([3]). Dan ser iwassal għal aktar konverġenza tal-liġi nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet għall-użu tad-data personali (fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kusnill *dwar l-iskambju ta' informazzjoni minn rekords kriminali*).

8. F'dan il-kuntest, għandu jkun sottolinjat li n-negozjati dwar il-FDDP wasslu għal xi bidliet, li xi wħud minnhom għandhom jaffettwaw speċifikament il-qafas legali li fih iseħħ l-iskambju tar-rekords kriminali:

— limitazzjoni tal-ambitu ta' applikazzjoni, li issa jikkonċerna biss id-data personali skambjata ma' Stati Membri oħra u ma japplikax aktar għal data pprpċessata biss domestikament fi Stat Membru wieħed,

— mhu previst l-ebda mekkaniżmu ta' koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data.

9. F'dan l-isfond, l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-iskambju tar-rekords kriminali — li jistabbilixxi xi "kondizzjonijiet għall-użu tad-data personali" — għandu jidher bħala *lex specialis* dwar il-protezzjoni tad-data, li jipprovdi garanziji addizzjonali għal dawk stabbiliti fil-*lex generalis*, l-FDDP. Dan l-Artikolu — b'mod partikolari l-paragrafi 2 u 4 tiegħu — jispeċifika l-prinċipju li jillimita l-fini rigward l-iskambju ta' rekords kriminali. Hu jippermetti biss eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju fiċ-ċirkostanzi msemmija espliċitament f'dawk id-dispożizzjonijiet.

10. It-tielet nett, b'relazzjoni mill-qrib mal-proposta preżenti, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar Strateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja Elettronika ([4]). B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-intenzjoni li tikkontribwixxi għar-rinfurzar u l-iżvilupp ta' għodod għall-ġustizzja elettronika fil-livell Ewropew. Il-Komunikazzjoni tinkludi numru ta' inizjattivi b'impatt sinfikanti fuq il-protezzjoni tad-data personali, bħal ngħidu aħna l-ħolqien ta' netwerk ta' skambji sikuri biex tkun kondiviża l-informazzjoni fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-ħolqien ta' bażi tad-data Ewropea għat-tradutturi u l-interpreti legali. Il-KEPD bi ħsiebu jirreaġixxi għal din il-Komunikazzjoni f'dokument separat.

([1]) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

([2]) L-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-Eurojust hu eżempju ieħor. Il-qafas legali għal dan l-iskambju ser ikun modifikat, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI (ara l-Inizjattiva ppubblikata fil-ĠU C 54, 27.2.2008, p. 4).

([3]) Ara l-Artikolu 1 tal-proposta għal din id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill (l-aħħar test disponibbli fuq ir-Reġistru tal-Kunsill, 24 ta' Ġunju 2008, doc.9260/08).

([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Lejn Strateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja Elettronika, COM/2008/ 0329 finali.

## III. L-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI PREVIST FID-DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL

11. L-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill jiddeskrivi liema informazzjoni għandha jew tista' tkun trasmessa (fil-paragrafu 1 tiegħu); hi tipprevedi wkoll fil-paragrafu (3) tagħha għal bażi legali tal-proposta preżenti. L-Anness II tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill jistabbilixxi formola li għandha tintuża għall-iskambju. Hi tinkludi informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-Istat Membru rikjedenti u l-informazzjoni li għandha tingħata bħala risposta għat-talba. Il-formola tista' tinbidel b'Deċiżjoni tal-Kunsill, kif proposta issa mill-Kummissjoni.

12. L-Artikolu 11(1) jiddistingwi bejn informazzjoni obbligatorja, informazzjoni fakultattiva, informazzjoni addizzjonali u kwalunkwe informazzjoni oħra. Il-formola fl-Anness II ma tirriflettix dawn id-distinzjonijiet. Pereżempju, l-informazzjoni dwar l-ismijiet tal-ġenituri tal-persuna kundannata hi kkwalifikata fl-Artikolu 11 bħala informazzjoni fakultattiva li għandha tkun trasmessa biss jekk imdaħħla fir-rekords kriminali. L-Anness II ma jirriflettix in-natura fakultattiva ta' din it-trasmissjoni.

13. Il-KEPD jissuġġerixxi l-użu ta' din l-okkażjoni biex il-formula tkun adattata għal kollox f'konformità mal-Artikolu 11. Dan jimminimizza t-trasmissjoni tad-data pesonali għal dik li hi realment meħtieġa għall-fini tal-iskambju. Fl-eżempju msemmi fuq, ma jidhirx li hemm il-ħtieġa li l-ismijiet tal-ġenituri tal-persuni kundannati jkunu awtomatikament trasmessi. Dan jista' jikkawża ħsara mhux meħtieġa lill-persuni kkonċernati, jiġifieri lill-ġenituri.

## IV. IS-SISTEMA ECRIS

### Rimarki ġenerali

14. L-Artikolu 3 jikkostitwixxi l-qalba tal-proposta. Hu jistabbilixxi l-ECRIS abbażi ta' arkitettura deċentralizzata ta' teknoloġija ta' informazzjoni u li tikkonsisti fi tliet elementi: bażijiet tad-data ta' rekords kriminali fl-Istati Membri, struttura għall-komunikazzjoni komuni u softwer għall-interkonnessjoni.

15. Il-KEPD jappoġġja l-proposta preżenti biex tkun stabbilita ECRIS, previst li l-osservazzjonijiet magħmula f'din l-opinjoni jkunu kkunsidrati.

16. F'dan il-kuntest, hu jissottolinja li fuq naħa l-ebda bażi tad-data ċentrali Ewropea ma hi stabbilita u l-ebda aċċess dirett għal bażijiet tad-data ta' rekords kriminali ta' Stati Membri oħra ma hija prevista, waqt li fuq l-oħra fil-livell nazzjonali r-responsabbiltajiet huma ċentralizzati mal-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri, innominati skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill. Dan il-mekkaniżmu jillimita l-ħżin u l-iskambju ta' data personali għall-minimu, waqt li b'mod ċar jistabbilixxi wkoll ir-responsabbiltajiet għall-awtoritajiet ċentrali. F'dan dan il-mekkaniżmu, l-Istati Membri huma responsabbli għall-operat tal-bażijiet tad-data tar-rekords kriminali u għall-prestazzjoni effikaċi tal-iskambji. Huma ugwalment responsabbli għas-softwer għall-interkonnessjoni (l-Artikolu 3(2) tal-proposta).

17. Ser ikun hemm infrastruttura komuni. Fil-bidu din ser tkun in-netwerk S-TESTA ([1]), li jista' jiġi sostitwit b'netwerk sikur ieħor operat mill-Kummissjoni (Artikolu 3(4) tal-proposta). Il-KEPD jifhem li l-Kummissjoni hi responsabbli għall-infrastruttura komuni, għalkemm dan mhuwiex speċifikat fl-Artikolu 3. Il-KEPD jissuġġerixxi li tkun iċċarata din ir-responsabbiltà fit-test innifsu, għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

### L-ewwel element: bażijiet tad-data ta' rekords kriminali fl-Istati Membri

18. Fl-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2006, il-KEPD esprima l-appoġġ tiegħu għal arkitettura deċentralizzata. Fost l-oħrajn, din tevita duplikazzjoni addizzjonali ta' data personali f'bażi tad-data ċentrali. L-għażla għal arkitettura deċentralizzata bħal din awtomatikament tinvolvi li l-Istati Membri huma responabbli għall-bażijiet tad-daat tar-rekords kriminali u għall-ipproċessar tad-data personali f'dawn il-bażijiet tad-data. B'mod aktar speċifiku, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri huma l-kontrolluri ta' dawk il-bażijiet tad-data. Bħala kontrolluri huma responsabbli għall-kontenut tal-bażijiet tad-data u għall-kontenut tal-informazzjoni li hi skambjata. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tistabbilixxi l-obbligi tal-Istat Membru li jikkundanna u tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna.

19. F'dan il-qafas, l-ECRIS hu netwerk bejn il-pari għall-iskambju ta' informazzjoni bejn dawn il-bażijiet tad-data nazzjonali. Netwerk bejn il-pari bħall-ECRIS jippreżenta ċerti riskji li għandhom ikunu indirizzati:

— Fil-prattika, id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri ma taħdimx weħidha. Huma meħtieġa miżuri addizzjonali, ngħidu aħna biex ikun żgurat li l-informazzjoni miżmuma mill-Istat Membru li jibagħtha jew jirċeviha (stat tal-kundanna u stat ta' ċittadinanza) tinżamm aġġornata u identika.

— Din l-arkitettura trawwem diversità kbira fil-mod kif inhi applikata mill-Istati Membri differenti, li tidher aktar u aktar f'kuntest ta' differenzi kbar bejn il-leġislazzjoni nazzjonali (bħal fil-każ tar-rekords kriminali).

20. L-armonizzazzjoni tal-użu tan-netwerk innifsu, u l-proċeduri madwar l-użu tiegħu, hi għalhekk ta' importanza primarja. Il-KEPD jinnota speċifikament l-importanza li l-użu kollu tan-netwerk isir b'mod armonizzat, bi standards għolja għall-protezzjoni tad-data. Il-miżuri implimentattivi li għandhom ikunu adottati taħt l-Artikolu 6 tal-proposta huma għalhekk tal-akbar importanza. Il-KEPD jirrakkomanda li fl-Artikolu 6 ssir referenza għal livell għoli ta' protezzjoni tad-data bħala prekondizzjoni għall-miżuri implimentattivi kollha li ser ikunu adottati.

([1]) Servizzi Trans Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet.

21. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data jista' jkolhom rwol f'dan il-kuntest, previst li huma joperaw b'mod armonizzat. Il-KEPD jissuġġerixxi li tkun inkluża premessa li tenfasizza l-irwol tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data, bl-istess mod bħalma l-Premessa (11) u l-Artikolu 3(5) jinnotaw li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri. Il-premessa l-ġdida għandha tinkoraġġixxi wkoll lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data biex jikkooperaw.

22. Finalment, il-KEPD jilqa' d-dispożizzjoni fl-Artikolu 3(3) biex ikun promoss l-użu tal-Aħjar Tekniki Disponibbli sabiex ikunu żgurati l-kunfidenzjalità u l-integrità tad-data tar-rekords kriminali mibgħuta lil Stati Membri oħra. Madankollu, ikun desiderabbli li l-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data jkunu involuti wkoll — flimkien mal-(awtoritajiet ċentrali tal-) Istati Membri u l-Kummissjoni — fl-identifikazzjoni ta' dawn it-tekniki.

**It-tieni element: infrastruttura għall-komunikazzjoni komuni**

23. Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-infrastruttura komuni tal-komunikazzjoni titlob li hi tidher bħala l-fornitur tan-netwerk. Għall-finijiet tal-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni tista' tkun ikkwalifikata bħala kontrollur fis-sens tal-Artikolu 2(i) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data personali, għalkemm għal kompitu limitat: tipprovdi n-netwerk u tiżgura s-sigurtà tiegħu. Meta d-data personali hi proċessata f'konnesjoni mal-provvista tan-netwerk jew jekk ikun hemm kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data f'relazzjoni mas-sigurtà tan-netwerk, il-Kummissjoni ser tkun responsabbli bħala kontrollur. Dan l-irwol tal-Kummissjoni hu komparabbli mal-irwol tagħha fis-sistemi SIS, VIS u Eurodac, jiġifieri dak tar-responsabbli għall-ġestjoni operattiva (u mhux għall-kontenut tad-data personali). Dan l-irwol kien ikkwalifikat bħala "kontrollur sui generis" ([1]).

24. L-infrastruttura komuni għall-komunikazzjoni ser tkun ibbażata fuq l-S-TESTA, tal-inqas għall-perijodu fil-qosor. L-S-TESTA jimmira lejn interkonnessjoni tal-korpi tal-UE mal-awtoritajiet nazzjonali, bħall-amministrazzjonijiet u l-aġenziji mifruxa mal-Ewropa. Hu netwerk tat-telekomunikazzjoni ddedikat. Iċ-Ċentru għall-Operazzjoni tas-Servizz jinsab fi Bratislava. Hu jifforma wkoll is-sinsla ta' sistemi oħra ta' informazzjoni fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Il-KEPD jappoġġja l-għażla tal-S-TESTA li ntwera li hi sistema affidabbli għall-iskambju.

25. Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni bħala kontrollur "sui generis" għandha wkoll konsegwenzi għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u għas-superviżjoni. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 jistabbilixxi li dan ir-regolament "għandu japplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet kollha u l-korpi tal-Komunità sal-limitu li dak l-ipproċessar isir fl-eżerċizzju tal-attivitajiet kollha jew parti minnhom li jaqgħu fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità".

26. Jekk l-attivitajiet ta' pproċessar kollha jew parti minnhom tal-Kummissjoni jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja, ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. B'mod partikolari, l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprevedi li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji għandhom jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza rigward l-ipproċessar tad-data personali. Skont l-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha "timplimenta miżuri adattati, tekniċi u ta' organizzazzjoni biex jiżgura livell ta' sigurtà adattat għar-riskji rappreżentati mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li għandha tiġi protetta." Dawn l-attivitajiet isiru taħt is-superviżjoni tal-KEPD.

27. Madankollu, rigward il-każ preżenti u għall-kuntrarju tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ([2]) għandu jkun innotat li l-bażi legali tal-attivitajiet ta' ipproċessar tinsab fit-Titolu VI tat-Trattat UE (it-tielet pilastru). Dan ifisser li r-Regolament (KE) Nru 45/2001 ma japplikax awtomatikament, u l-anqas ma japplika kwalunkwe qafas legali ieħor dwar il-protezzjoni tad-data u s-superviżjoni għall-attivitajiet ta' pproċessar tal-Kummissjoni. Dan hu ta' sfortuna għar-raġuni ovvja ta' nuqqas ta' protezzjoni għas-suġġett tad-data, b'mod partikolari għaliex l-ipproċessar tad-data personali rigward il-kundanni kriminali hu ta' natura sensittiva, kif muri fl-Artikolu 10.5 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li jikkwalifika l-ipproċessar relatat mal-kundanni kriminali bħala operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi. Hu aktar minhekk ta' sfortuna għaliex il-KEPD hu — abbażi ta' strumenti legali oħra — involut fis-superviżjoni tal-S-TESTA. Hu għal din ir-raġuni li l-KEPD jipproponi li tiżdied dispożizzjoni għad-deċiżjoni ([3]) li tiddikjara li r-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar tad-data personali taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

**It-tielet element: softwer għall-interkonnessjoni**

28. Il-proposta tiddistingwi l-infrastruttura teknika komuni biex ikunu konnessi l-bażijiet tad-data u s-softwer għall-interkonnessjoni. Kif intqal qabel, l-Istati Membri huma responsabbli għas-softwer għall-interkonnessjoni. Skont il-Premessa (11), il-Kummissjoni tista' tipprovdi dan is-softwer iżda l-Istati Membri jidhru liberi li japplikaw jew le dak is-softwer minflok is-softwer għall-interkonnessjoni proprju tagħhom.

([1]) Ara l-Opinjoni tad-19 ta' Ottubru 2005 dwar tliet Proposti rigward is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II), (ĠU C 91, 19.4.2006, p. 38, par. 5.1).

([2]) U l-VIS u l-Eurodac li huma sistemi kompleti fl-ambitu tal-liġi Komunitarja.

([3]) Ara fl-istess sens fit-tielet pilastru l-Artikolu 39(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), li jiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għall-ipproċessar tad-data personali relatata mal-persunal tal-Europol (test tal-24 ta' Ġunju 2008, Dok. tal-Kunsill 8706/08).

29. Tfiġġ il-mistoqsija għaliex ir-responsabbiltajiet għall-infrastruttura teknika u għall-konnessjoni tas-softwer għandhom ikunu separati u għaliex il-Kummissjoni m'għandhiex tkun responsabbli għat-tnejn li huma. Fil-fatt, iż-żewġ każijiet jittrattaw in-netwerk bejn l-Awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri (il-punt nazzjonali ta' aċċess għan-netwerk) u mhux mal-iskambju tal-informazzjoni fl-Istati Membri.

30. L-għoti ta' din ir-responsabbiltà addizzjonali lill-Kummissjoni ma jaffettwax in-natura deċentralizzata tal-arkitettura tat-teknoloġija tal-informatika, waqt li min-naħa l-oħra l-effiċjenza tal-iskambju għandha tkun mill-aħjar. It-titjib tal-effiċjenza hu importanti mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data għal raġunijiet tal-kwalità tad-data: għandha tiġi skambjata biss id-data essenzjali u mhemmx ħtieġa għal informazzjoni addizzjonali minħabba l-imperfezzjonijiet fis-sistema. Barra minn hekk hu jippermetti superviżjoni aħjar tas-sistema, jekk ir-responsabbiltajiet għall-infrastruttura komuni għall-komunikazzjoni u s-softwer għall-interkonnessjoni jkunu f'par wieħed ta' idejn.

31. Dan hu aktar importanti fid-dawl tal-funzjoni tas-softwer bħala għodda għall-iskambju. Karatteristiċi importanti tas-softwer għall-konnessjoni huma li hu għandu jkun kapaċi jikkontrolla l-identità tal-mittent, kif ukoll il-kompatibbiltà u l-integrità tat-talbiet, u bħala konsegwenza jippermetti l-validazzjoni tat-talbiet. L-interoperabbiltà tas-softwer użat mill-Istati Membri hu għalhekk prerekwiżit. Mhux l-Istati Membri kollha għandhom neċessarjament jużaw l-istess softwer (għalkemm din tkun l-iktar għażla prattika), iżda s-softwer għandu jkun interoperabbli għal kollox.

32. Il-proposta tirrikonoxxi l-ħtieġa għal armonizzazzjoni tal-kwistjonijiet relatati mas-softwer għall-interkonnessjoni. Il-miżuri implimentattivi elenkati fl-Artikolu 6 — li għandhom jiġu adottati bi proċedura ta' Komitoloġija — jinkludu pereżempju "proċeduri li jivverifikaw il-konformità tal-applikazzjonijiet tas-softwer mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi". L-Artikolu 6 jsemmi wkoll sett komuni ta' protokolli. Madankollu, sett komuni ta' protokolli bħal dan mhuwiex preskritt għas-softwer għall-interkonnessjoni. L-Artikolu 6 l-anqas ma jipprevedi l-identifikazzjoni ta' sistema ta' softwer.

33. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq il-KEPD jirrakkomanda, sabiex tittejjeb l-effiċjenza u s-sigurtà tal-iskambji, kif ġej:

— bħala minimu, għandhom ikunu adottati miżuri implimentattivi li jiżguraw l-interoperabbiltà tas-softwer,

— bħala għażla ppreferuta, it-test għandu jobbliga lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri — probabbilment bi proċedura ta' Komitoloġija — biex jiżviluppaw jew jidentifikaw sistema ta' softwer li tilħaq il-ħtiġiet kollha msemmija hawn fuq,

— it-test għandu jistabbilixxi li l-Kummissjoni ser tkun responsabbli għas-softwer għall-interkonnessjoni.

## V. KWISTJONIJIET OĦRA

### Il-manwal

34. L-Artikolu 6.b jistabbilixxi li manwal li għandu jkun adottat permezz tal-proċedura ta' Komitoloġija ser jistabbilixxi l-proċedura għall-iskambju tal-informazzjoni, "li jindirizza b'mod partikolari l-modalitajiet ta' identifikazzjoni tal-ħatja". Il-KEPD jistaqsi preċiżament x'ser jinkludi dan il-manwal u jekk pereżempju jipprevedix identifikazzjoni permezz tal-bijometrika.

35. Il-KEPD jenfasizza li l-identifikazzjoni tal-ħatja m'għandhiex twassal għall-iskambju ta' data personali li mhijiex espliċitament stabbilita fid-deċiżjoni qafas. Barra minn hekk, il-manwal għandu jistabbilixxi garanziji adatti għall-ipproċessar u t-trasmissjoni ta' kategoriji speċjali ta' data, bħal data bijometrika.

### Ġbir ta' data statistika

36. L-Artikolu 6.c u l-Artikolu 8 jirrefru għall-ġabra ta' data statistika, li tirrappreżenta element prinċipali mhux biss fl-ivvalutar tal-effiċjenza tas-sistema tal-iskambju tad-data iżda wkoll fis-superviżjoni rigward il-garanziji tal-protezzjoni tad-data. F'dan l-isfond, il-KEPD jirrakkomanda li, f'konformità ma' strumenti legali oħra relatati mal-iskambju tad-data personali [1], l-elementi statistiċi li għandhom jinġabru għandhom ikunu ddefiniti f'aktar dettall u jieħdu kont debitu tal-ħtieġa li tkun żgurata superviżjoni tal-protezzjoni tad-data. Pereżempju, id-data statistika tista' espliċitament tinkludi elementi bħan-numru ta' talbiet għal aċċess jew rettifika tad-data personali, it-tul u l-kompletezza tal-proċess tal-aġġornament, il-kwalità tal-persuni li għandhom aċċess għal din id-data kif ukoll il-każijiet ta' ksur tas-sigurtà. Barra minn hekk, id-data statistika u r-rapporti bbażati fuqha għandhom jingħamlu disponibbli għal kollox għall-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data.

### Koordinazzjoni tas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data

37. Il-KEPD diġà ssottolinja li, fl-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2006 dwar id-Deċiżjoni Qafas dwar l-iskambju tar-rekords kriminali, li l-proposta mhux biss għandha tindirizza l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali iżda wkoll il-kooperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data. Din il-ħtieġa saret aktar importanti għaliex in-negozjati dwar il-FDDP wasslu għat-tħassir tad-dispożizzjoni li tistabbilixxi grupp ta' ħidma li jerġa' jgħaqqad l-awtoritajiet tal-UE għall-protezzjoni tad-data u jikkoordina l-attivitajiet tagħhom rigward l-ipproċessar ta' data fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

(1) Ara, pereżempju, l-Artikoli 3.3 u 3.4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin.

38. Għalhekk, bil-ħsieb li tkun żgurata superviżjoni effettiva kif ukoll kwalità tajba taċ-ċirkolazzjoni transkonfini tad-data estratta mir-rekords kriminali, ikun meħtieġ li jkunu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adatti bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jieħdu kont ukoll tal-kompetenza ta' superviżjoni tal-KEPD rigward l-infrastruttura tal-S-TESTA. Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jiġu inklużi jew f'dispożizzjoni speċifika jew miżjuda mal-miżuri implimentattivi li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 6 tal-proposta.

**Traduzzjonijiet**

39. Il-premessi 6 u 8, kif ukoll il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni jirreferu għall-użu estensiv tat-traduzzjoni awtomatika. Waqt li l-KEPD jilqa' kwalunkwe miżura mmirata biex ittejjeb l-intendiment reċiproku tal-informazzjoni trasmessa, hu jinnota wkoll li hu importanti li jkun iddefinit u ċirkonskritt b'mod ċar l-użu tat-traduzzjoni awtomatika. Fil-fatt, ladarba jsiru pre-traduzzjonijiet eżatti tal-kategoriji ta' reati mniżżla fl-Anness għad-deċiżjoni, l-użu ta' kodiċijiet komuni jkun jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali li jaqraw it-traduzzjoni awtomatika ta' dawn il-kategoriji fil-lingwi nazzjonali atgħhom. Dan l-użu ta' traduzzjoni awtomatika hu strument utli u x'aktarx jiffavorixxi l-intendiment reċiproku tar-reati kriminali in kwistjoni.

40. Madankollu, l-użu tat-traduzzjoni awtomatika għat-trasmissjoni ta' informazzjoni li ma kinitx pre-tradotta akkuratament, bħal kummenti jew speċifikazzjonijiet addizzjonali miżjuda f'każijiet individwali, x'aktarx jaffettwa l-kwalità tal-informazzjoni trasmessa — u għalhekk tad-deċiżjonijiet meħuda abbażi tagħha — u fil-prinċipju għandu jkun eskluż. Il-KEPD jirrakkomanda li din il-kwistjoni tkun speċifikata fil-Premessi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

VI. **KONKLUŻJONIJIET**

41. Il-KEPD jirrakkomanda li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-proposta.

42. Hu ssuġġerit li din l-okkażjoni tintuża biex tkun modulata għal kollox il-formola f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-rekords kriminali li jiddistingwi bejn informazzjoni obbligatorja, informazzjoni fakultattiva, informazzjoni addizzjonali u kwalunkwe informazzjoni oħra.

43. Il-KEPD jappoġġja l-proposta preżenti biex tkun stabbilita ECRIS, previst li l-osservazzjonijiet magħmula f'din l-opinjoni jkunu kkunsidrati, li jinkludu:

— ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-infrastruttura komuni tal-komunikazzjoni għandha tkun iċċarata fit-test għal raġunijiet ta' ċertezza legali,

— għandha tiżdied dispożizzjoni għad-deċiżjoni li tgħid li r-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar tad-data personali taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni,

— fl-Artikolu 6 għandha ssir referenza għal livell għoli ta' protezzjoni tad-data bħala prekondizzjoni għall-miżuri implimentattivi kollha li ser ikunu adottati,

— premessa għandha tenfasizza l-irwol tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data f'relazzjoni mal-miżuri implimentattivi u għandha tinkoraġġixxi wkoll lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data biex jikkooperaw,

— għandhom ikunu adottati miżuri implimentattivi li jiżguraw l-interoperabbiltà tas-softwer,

— il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati — probabbilment bi proċedura ta' Komitoloġija — biex jiżviluppaw jew jidentifikaw sistema ta' softwer li tilħaq il-ħtiġiet kollha,

— fit-test għandu jkun stabbilit li l-Kummissjoni ser tkun responsabbli għas-softwer għall-interkonnessjoni.

44. L-elementi statistiċi li għandhom jinġabru għandhom ikunu definiti f'aktar dettall u jikkunsidraw debitament il-ħtieġa li tkun żgurata s-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data.

45. Għandhom ikunu stabbiliti mekkaniżmi adatti ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data, b'kont meħud tal-kompetenza ta' superviżjoni tal-KEPD rigward l-infrastruttura tal-S-TESTA.

46. Fil-Premessi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għandu jkun speċifikat li l-użu tat-traduzzjoni awtomatika m'għandux jestendi għat-trasmissjoni ta' informazzjoni li ma kinitx pre-tradotta akkuratament.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Settembru 2008.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*